# Seħer f'Ħaġar Qim

(ĦLIQA)

Oh ! quanti sceleris
non fuit causa religio ! (1)
(*Euripides*: "*Iphigencia*").

Kienet lejla sabiħa ta' Diċembru. Ir-reżħa, imma s-sema safi.Il-qamar mimli ma kienx ilu li tela', kbir u ħamrani, minnofs il-baħar.

"X'lejla sabiħa !" għidt f'qalbi. U qtajt li mmur sa Ħaġar Qim fid-dawl tal-qamar, u nġarrab il-bebbuxa saħrija li kien tani, ilu ħafna, wieħed saħħar.

Irkibt il-karozza u wasalt il-Qrendi, u minn hemm irħejtilha għal Ħaġar Qim.

Wasalt, wara mixja ġmielha, u dħalt ma' ġenbu. Il-ħaġar. kbir u għoli, abjad-kaħlani, bid-dellijiet suwed fir-rkejjen, f'dak is-skiet u d-dawl ta' qamar, saħħarni. Qgħadt wieqaf inħares biċċa sewwa, sa kemm ftakart fis-seħer, li biex nagħmlu kont mort hemmhekk.

Ħriġt il-bebbuxa mill-but u qegħidtha fuq ħaġra, birras ta' denbha għal wiċċ il-qamar sew. Għidt il-kelma, u f'daqqa nara quddiemi Ġinn żgħir.

"Amar !" qalli. "Jiena Ġinn il-bebbuxa, u ġejt naqdik f'kull ma teħtieġ."

"Irrid nara kif kien isir Għid Ħaġar Qim fl-aħjar ta' żmienu," weġibt jiena. "U inti oqgħod miegħi biex tweġibni għal li nistaqsik."

"Ħares lejn il-qamar u għodd sebgħa," il-Ġinn wissieni "U mbagħad ħares lejn Ħaġar Qim."

Hekk għamilt. Ħarist lejn il-Qamar u għoddejt sebgħa; imbagħad dawwart wiċċi u ħarist lejn Ħaġar Qim.

Hemm kien, quddiemi, abjad-abjad fid-dawl ta' qamar, imma wisq xort'oħra milli huwa l-lum. Kien imsaqqaf; mhux b'isqfa watja, imma magħmula kopppliet bajdija (2). Fuq kull koppla, ħaġra mrebbgħa (3), riekba fuq erba' rikkibiet. Taħt dil-ħaġra sew, bħal tieqa fis-saqaf biex tagħti d-dawl u l-ħewwa (4) lil ġewwien. Fuq waħda minn dawn il-ħaġriet, għamra ħatab, donnu mħejji għal xi ħuġġieġa. Is-saqaf, mit-tieqa lisfel miksi bit-torba, u mit-torba niebet il-ħaxix. Bieb Ħaġar Qim kien mistur bi star aħmar li ma nafx jekk kienx tax-xoqqa jew tal-ġild.

Kif kont seħwien, inħares u l-Ġinn wieqaf ma' ġenbi, mil-lemin smajt min jitkellem. Indawwar wiċċi u nara ġejjin tnejn min-nies. Kienu twal, ħoxnin, imġissma, imma ma stajtx nagħraf jien kenux nisa jew irġiel. Minn qaddhom il fuq għeri; dirgħajhom ħoxnin u sidirhom wasa'. Minn qaddhom lisfel libsin libsa ħamra, dagħmija. Xagħarhom twil sa ħofret għonqhom u bla leħja jew xwiereb xejn. Surithom suret irġiel, imma wiċċhom imfaqqa', iġrad, u leħinhom irqiq, donnhom xi nisa.

"Dawn min huma, Ġinn ?" saqsejtu. "U x'inhuma nisa jew irġiel ?"

"Dawn qassisin tal-maqdes," weġibni. "La huma rġiel u anqas nisa. Dawn igħidulhom ħasjien, qaddejja ta' Sid is-Sema.

Waslu u waqfu quddiem il-maqdes, u qagħdu jitħaddtu minn taħt ilsien, iduru ma' midbaħ tal-ħaġar li kien wieqaf hemma, għoli m'ogħla qadd ta' raġel u mnaqqax fl-uċuh tiegħu bil-weraq tal-palm.

"Neser !" għajjat xi ħadd minn fuq il-maqdes. "Neser ġejjin ! Jistama' għajjathom !"

"Agħti n-nar !" wieġeb wieħed mit-tnejn il-ħoxnin, ta' l-ewwel. "Agħti n-nar ħalli jarawh !"

Raġel oħxon inqala' minn wara l-għarma, fuq bejt il-maqdes, f'idu l-leminija bieqja bin-nar, li daħħalha b'kollox taħt il-għarma tal-ħatab niexef. Il-ħatab beda jaqbad u jfaqqa', in-nar jiżdied, u mliewi ta' duħħan jogħlew u jinbarmu fl-ajru imtektka b'geġwiġija ta' xrar.

Fil-bgħid beda jistama' bħal għana ta' nies għalenija għana maħtuf imgħanni minn kotra b'leħen wieħed: jogħla, jinżel, jitqawwa, jiddagħaf flimkien. Il-għagħa qorbot. Sarbut nies jaqbżu dehru deħlin fil-misraħ ta' quddiem il-maqdes, li nġemgħu ġemgħa waħda u waqfu hemm.

Kienet ġliba ta' xi mitejn raġel. Uħud imżemmna, bil-leħja, oħrajn żgħar u żgħażagħ, uċuhom ġardin. Kfuf (5) idejhom miżbugħin ħomor, bi ħnienaq tal-bebbux, tas-snien jew tal-weraq f'għonqhom; bl-oħtra f'idejhom, ixejruhom u jgħannu l-għana tagħhom b'għajjat tal-ġenn. F'nofshom kien immexxi għoġol miżmum minn irġiel felħana, imżejjen b'damma weraq fi qrunu, u f'għonqu ħannieqa tal-weraq ukoll. Fuq dahar il-għoġol riekeb raġel xiħ, imkebbeb fi star tal-ġild tal-mogħża, wiċċu bil-kemm jidher, b'leħja twila, sfiqa, u bajda silġ.

Imbagħad daħlet ġilwa oħra, bħal ta' qabilha. Imbagħad oħra, u oħra: b'kollox erba' ġilwiet. Kull ġilwa, meta tidħol quddiem il-maqdes, tinġama' għaliha madwar il-għoġol tagħha u tibqa' wieqfa hemmekk.

"U dawn x'ikunu, Ġinn ?" irġajt saqsejtu.

"Dawn huma l-erba' tajfiet tal-gżira," weġibni. "It-tajfa tax-Xerq (6), it-tajfa tal-Għarb, it-tajfa tal-Qibla (7) u t-tajfa tax-Xmiel (8). Kull tajfa għandha x-xiħ, jew ir-ras tagħha, li hu sidha fil-ħajja u fil-mewt. Kull fard (9) tat-tajfa jisma' minn xiħu, għax il-mewt hemm għalih min imerih. Intix tara dik il-ħaġra twila, wieqfa ? Dik igħidulha salib. Kull tajfa għandha ħaġra bħalha, u min jasal jikser kelmet ix-xiħ tiegħu, ikun marbut magħha fil-għoli, u jitħalla hemm sa tasal mewtu, bil-kesħa, bil-għatx u bil-ġugħ. Imma ħares issa lejn dawn li ġejjin."

Wara kulħadd, bejn żewġ saffi qassisin smien, bla leħja, kienu mexjin daqs tletin sabi, għoddhom ta' xi tnax-il sena jew hekk. Kienu għarwenin għal kollox, bi kliel tal-weraq f'rashom, ħnienaq tal-bebbux u tas-snien f'għonqhom u friegħi tal-palm f'idejhom. Uħud twajlin u rqajqa, oħrajn ħxajnin u qsajra, oħrajn hekk hekk imma kollha ta' saħħa u qawwijin. Xagħarhom twil, jiddi fid-dawl ta' qamar u tal-ħuġġieġa u għajnejhom kbar u mberrqa, iħarsu mistagħġba 'l hawn u 'l hemm. Mixjiethom ħafifa: leħenhom irqiq u ħelu, igħannu għanja rżina u bekkejja, donnha għanja tal-mejtin.

"Dawn x'inhuma ?" irġajt saqsejt lil Ġinn.

"Dawna subjien ir-resma. Jersmu jew ikunu magħduda ta' rġiel mil-lum il quddiem. Kollha ta' għomor wieħed, għax kollha din il-ħabta jagħalqu tnax. Sal-lum kienu mrobbija flimkien; mil-lum il quddiem jitqassmu bejn l-erba' tajfiet tal-gżira."

"Issa," irġajt jien wara li qgħadt ftit naħseb "għidli il-għaliex kollha ta' għomor wieħed: għaliex kollha subjien; u għaliex kollha ta' saħħa u qawwijin."

"Kollha ta' għomor wieħed," wieġeb il-Ġinn tal-bebbuxa "għax f'din l-art, in-nisel isir f'xahar wieħed: xahar ir-rebbiegħa li jgħidulu Nisân. Għalhekk it-trabi jitwieldu kollha f'xahar wieħed, u sewwa sewwa bħal daż-żmien. In-nisa kollha tal-gżira u t-trabi jinżammu f'ħarem wieħed, taħt ħarsien il-qassisin. Dawn kollha subjien, għax is-subjien biss jirtismu : jiġifieri is-subjien biss, fi żmienhom igħaddu 'l barra bħala rġiel; il-bniet jibqgħu ġewwa l-ħarem, bħala

nisa. Kollha ta' saħħa u qawwijin, għax id-dgħaf u marrada fost iż-żgħar, jinqatlu, u laħamhom jingħata ikel lil sħabhom ħajjin. Dis-sena huma tlieta u tletin wieħed. Lix-xiħ ta' kull tajfa jingħataw tmienja, biex jitħarrġu u wieħed fosthom sa jkun midbuħ."

"Kif ? Sa jidbħu wieħed minn dawna ?" saqsejt mibluh jiena."

"Iwa," weġibni, "Jaqtgħulu griżmejh fuq dak il-midbaħ, u jimlew bieqja minn demmu u jidħnu biha qrun l-ogħġiela imbagħad jidbħu lilhom ukoll."

"X'waħda din, Ġinn ! Ma rridx nara ! Neħħili s-seħer, ħalli nitlaq minn hawn," raħħamtlu jien.

"Ma nistax !" weġibni l-Ġinn, waqt li ħares lejn il-qamar. "Ma nistax għal issa. Sa ma l-qamar jasal fejn għandu jasal ikollok tibqa' hawnekk."

Għalhekk, bil-qalb it-tajba, kelli nibqa'.

* * *

Il-misraħ ta' quddiem il-maqdes issa kien dewwieda waħda bin-nies. In-nar iħeġġeġ fuq bejt il-maqdes u l-erba' tajfiet miġmugħa kull waħda għaliha kulħadd wieqaf iħares, waqt li subjien ir-resma daru mal-midbaħ bil-friegħi tal-palm f'idejhom, igħannu l-għanja kiebja tagħhom.

Kif is-subjien waqfu mill-għana, stama' ħoss ta' qarn itaw-wat. L-istar ta' bieb il-maqdes niżel minn fuq sa nofsu, u l-ġemgħat kollha xteħtu b'wiċċhom fl-art biex jagħtu qima.

Wara l-istar, fejn kien inkixef kienet tidher sura mdaq-qsa ta' nies, bil-qiegħda. Is-sura kienet miżbugħa ħamra, u minn ħin għal ieħor iddawwar rasha, tħares fuq il-ġemgħat, min-naħa għall-oħra donnha ħajja.

"Ġinn, din mhix tal-ħaġar ? Mela kif qiegħda ddawwar rasha ?" saqsejt jien.

"Ejja ara," qalli l-Ġinn; u beda miexi quddiem, u jien warajh, sa ma sab bieb żgħir fil-ġenb tal-maqdes u dħalna minnu 'l ġewwa.

Moħbi wara s-sura l-ħamra kien hemm qassis minn dawk is-smien, bil-qiegħda. B'għajnu l-waħda jħares minn toqba fl-istar ta' bieb il-maqdes, u bejn is-swaba' ta' kull id iżomm qafla, li kienet ħierġa min-nofs il-fuqani ta' dahar is-sura. Jiġbed il-qafla tal-lemin u ras is-sura ddur lejn il-lemin, jiġbed tax-xellug, u ras is-sura ddur lejn ix-xellug. "Qie-

għed tara għaliex iddawwar wiċċha s-sura?" Il-Ġinn nebbaħni. "Għax hawn dan qiegħed jiġbidha. Imma, imxi noħorġu ħalli tara x'qiegħed isir barra."

Subjien ir-resma, meta ħriġna, kienu weqfin, wieħed wara l-ieħor, fil-lemin ta' bieb il-maqdes. Ma' ġenb il-bieb sewwa, fuq rikkieba kien heinm keffa (10) tal-ħaġar u fuq il-keffa, bieqja tal-fuħħar. Ma' ġenb il-bieqja sikkina daqsiex, taż-żnied, immellsa, taqta' miż-żewġ naħât. Mal-ġenb il-wieħed u l-ieħor tar-rikkieba, żewġt irġiel weqfin, donnhom iġirfa: imġissma, mibruma, muswafa; mistura f'qaddhom kemm kemm. Wara r-rikkieba sewwa, qassis smin, bħal dawk ta' l-ewwel, imżejjen bil-ħnienaq u f'rasu klil tal-weraq dlil (11); f'kull id bieqja tal-fuħħar aħmar, tlellex, sabiħa kemm tista' tkun. Hu kien igħanni b'leħen wati, u r-rġiel ta' ma' ġenbu, kull meta jieqaf, iwiġbuh.

"Fissirli ftit dawn x'inhuma Ġinn," tlabt jien.

"Dawk iż-żewġt irġiel," il-Ġinn fissirli, "issa jżommu s-sabi u jmiddulu għonqu fuq il-midbaħ, sa ma l-qassis jaqtagħlu griżmejh. Dak hu l-qassis li jaqtagħlu griżmejh, b'dik is-sikkina taż-żnied li tara hawnekk; u dik il-bieqja jimlieha bl-ewwel demm li joħroġ minnu, biex jisfa' bih il-qrun ta' l-ifrât. Dawk il-bwieqi ta' f'idejh fihom il-waħda ħalib u l-oħra għasel, li jisqu minnhom lis-sabi qabel iddbiħ. Isa! Ara kif il-qassis waqaf mill-għana. Is-subjien sa jgħaddu minn quddiem is-sura; miskin hu min is-sura tħares lejh, għax mewt imut!"

Is-sura ta' bieb il-maqdes kienet tħares lejn il-lemin bla ma titħarrek. Is-subjien bdew miexja, wieħed ftit il bogħod mill-ieħor wara xulxin. Kull wieħed jieqaf għal ftit quddiem is-sura, joqgħod għarkobbtejh, imiss ġbinu mal-qiegħa, iqum, jieqaf ftit ieħor, u jibqa' għaddej. Uħud kienu jidhru beżgħana, sofor u mriegħda, u oħrajn igħaddu u jsellmu bla hemma ta' xejn.

Għadda wieħed, għaddew tnejn, erbgħa, għaxra, u s-sura ma ħarsitx lejhom. Wasal il-ħdax-il wieħed: sabi qsajjar, imbaċċaċ, wiċċu mdawwar u xagħru xaqrân. Waqaf quddiem is-sura qagħad għarkobbtejh u mess ġbinu mal-qiegħa. Kif kien b'rasu mwattija, stemgħet fil-ġemgħa bħal karba għalanija. Imsejken sabi! Is-sura kienet ħarset lejh!

Kif is-sabi qam mill-art u ra s-sura b'wiċċha fuqu, għall-ewwel baqa' mbikkem. Imbagħad werżaq twerżiqa ta' ħniena, u telaq jiġri għal saħħa minn fost in-nies. In-nies tiġri warajh, imma billi kien magħdud b'imqaddes, ħadd għajr iż-żewġ

qaddejja tal-qassisin ma sata' jmissu. In-nies tilqgħu u hu jiżloq minn bejnhom: jilqgħuh mill-ġdid u jgħaddilhom minnaħa oħra. Jiġri minn hinn, jiġri minn hawn, u jwerżaq ilħin kollu, u n-nies tiġri warajh u tgħajjat miegħu. Fl-aħħar infixel u raġa' lura lejn il-maqdes, fejn ħatfuh il-qaddejja talqassis u ħaduh magħhom.

Kienet dehra ta' ħasra liema bħalha. Naqra ta' sabi, dlil u żgħajjar, maħfun minn dirgħajh, minn żewġt ibgħal, kbar u muswafa. Hu jibki, jiġġebbed lura, irid, bla ma jista', jinqala' mill-qabda qawwija ta' dawk iż-żewġ idejn ħadidija. Xagħru mħabbel, xofftejh imqabbża, għajnejh ħomor bil-biki, itir minnhom qtar oħxon ta' dmugħ ma' kull tixjira li jxejjer rasu.

Waslu bih ma' ġenb il-midbaħ. Iridu jżiegħlu bih, u jisquh mill-bwieqi, imma hu ma jridx jisma'. "Sidti! Sidti!" kien igħajjat. "Sidti, ejja għalija! Ejja eħlisni, ma rridx immut! Iridu joqtluni, bħal ma qatlu lil Xamox is-sena, l-oħra. Ma rridx immut! Ħalluni mmur għand sidti, noqgħod magħha!"

Il-qassis kien tħejja u kollox quddiem il-midbaħ u ħafen f'idu l-leminija s-sikkina. Imma s-sabi, qabel meddewlu rasu fuq il-midbaħ, sfar, siket u ntelaq. Qamet għagħa fost il-ġemgħa: "Miet!" bdew igħidu dak lil dak. Telquh flart, iċaqalquh u jgħajtulu, imma kollu mitluf. Mixħut fuq ġenbu f'nofs il-ġemgħa, b'wiċċu mxarrab bid-dmugħ u għajnejh nofs magħluqa. In-nies bdiet tibża' Min jagħti fuq wiċċu, min iġebbed xagħru, reġgħet saret ħambqa kbira.

Fil-fixla, insejt il-Ġinn li kien hemm miegħi, u ma kontx niftakar fih li kieku ma resaqx lejja u "Miet!" għajjat f'widinti. "Miet?" saqsejtu. "Aħjar miet waħdu jew debħuh dawn il-milgħuna. Kemm huma kiefra! U għaliex qegħdin jagħtu fuq wiċċhom u jqattgħu xagħarhom?"

"Għax mitilhom. Jibżgħu li Alla jgħaddibhom (12) bil-li ma laqax id-debħa tagħhom. Il-qassis irid jidbaħ sabi ieħor mit-tnejn u tletin l-oħra. Arah x'iħaqqaqha ma' xjuħ it-tajfa."

"Sa jidbħu ieħor?" saqsejt imkexkex.

"Oqgħod u tara," weġibni l-Ġinn, iħares lejja.

"Ma rridx noqgħod aktar!" għedtlu "Ara l-qamar kemm niżel l'isfel. Neħħili s-seħer ħalli mmur!"

"Tista'," il-Ġinn weġibni. "Ħares lejn il-qamar u għodd sebgħa!"

Ħarist lejn il-qamar u għoddejt sebgħa. Ma' l-aħħar għadd il-ħsejjes tal-għajjat siktu u f'daqqa waqgħet ħemda kbira. Dort u ħarist lejn Ħaġar Qim: hemm kien kollu dellijiet suwed, mittiekel, imġarraf, ħerba kif inhu issa.

Qbadt ħaġra u ridt infarrak il-bebbuxa, li ma jfittillix xi darba narġa' nagħmel seħer biha. Kif kont nieżel biddaqqa, il-bebbuxa għabet. Il-Ġinn kien ħatafhieli.

L. Cutajar.

1. Oh ! ta' kemm ħsara d-din ma kienx il-ħtija !
2. Ovali.
3. Kwadrata.
4. nifs, arja.
5. Il-paliet.
6. Ilvant.
7. Nofsinhar, is-sud.
8. Tramuntana.
9. Membru, individwu.
10. Platt, gabarrè.
11. Tari, frisk, delikat.
12. Jikkastigahom.